MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 911/2009

**Charles Grech**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc u b'digriet tad-29 ta' April 2010 il-qorti ordnat li jissejjah fil-kawza Sergio Manche**.

**Rikors Guramentat**.

L-attur ippremetta li:

1. Kien jinnegozja flimkien ma' Joseph Grech u Sergio Manche' bl-isem tad-ditta "Tabletop" u fethu mal-HSBC

Bank Malta p.l.c. il-kont bankarju numru 00391808554 u ntestat “Messrs. J & C Grech and S. Manche’, T/A Tabletop” b’istruzzjonijiet li kwalunkwe zbank kellu jsir b’zewg firem mit-tlett firmatarji.
2. Illi minkejja dawn l-istruzzjonijiet is-socjeta` konvenuta awtorizzat l-izbank ta’ cheques b’firma wahda u dana kif jidher mill-kopja tac-cheques numru 937, 948, 950 u 951 fl-ammont ta’ Lm 169.82c, Lm 1600, Lm 1100 u Lm200 rispettivament (Ara Dok. “A”, “B”, “C”, “D” hawn uniti), u awtorizzat ukoll l-izbank tac-cheque numru 946 fl-ammont ta’ Lm2000 b’zewg firem li wahda minnhom ma kienitx taz-zewg firmatarji l-ohra (Ara Dok “E” hawn unit).
3. Peress li dan l-agir skorrett gie ammess minn ufficjali tal-Bank li pero’ naqas li jirredepozita fil-kont bankarju fuq imsemmi l-ammont zbankat mhux kif awtorizzat, u dana nonostante li gie anki interpellat b’ittra ufficjali tas-17 ta’ April 2007.

Ghaldaqstant tghid ghalhekk il-konvenuta, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghaliex ma ghandhiex il-Qorti ghar-ragunijiet premessi :-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kont bankarju numru 00391808554 meta awtorizzat l-izbank tac-cheques numru 937, 948, 950 u 951 ammontanti komplessivament ghal €7,150.76c (Lm3,069.82c) b’firma wahda, u meta awtorizzat l-izbank tac-cheque numru 946 fl-ammont ta’ €4,658.75c (Lm2,000) b’zewg firem li wahda minnhom ma kienitx tal-firmatarji.
2. Tordna lis-socjeta` konvenuta tirridepozita s-somma ta’ €11,809.50c (Lm5,069.82c) zbankata mhux skond l-istruzzjonijiet tal-kont kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ April 2007 u bl-imghax legali mid-data ta’ l-izbank skorrett kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

**<u>Risposta ta’ HSBC Bank Malta Plc</u>.**

1. **Eccezzjoni, gudizzju mhux integru**. Preliminarjament il-gudizzju mhux integru u nuqqas ta' interess guridiku fit-talba kif proposta, ghaliex jekk il-kont de quo kien jappartjeni lil tlieta minn nies ossia r-rikorrenti Charles Grech, huh Joseph Grech u Sergio Manche dawn it-tnejn tal-ahhar jridu jidahhlu fil-kawza;

*Fatti dwar din l-eċċezzjoni*:

Illi il-kont numru 039-036546-001 [kopja tad-dokumentazzjoni hawn annessi bhala dokument HSBC 1] kien infetah fil-fergha tal-bank intimat il-Gzira b'dan illi Charles Grech, Joseph Grech u Sergio Manche ezercjenti l-kummerc bl-isem Table Top taw istruzzjonijiet li kwalunkwe cheque migbud mill-kont kellu jkollu mill-anqas zewg firem;

Illi ghalhekk stante li l-interess fil-kont kien ta' tlieta minn nies kif fuq indikat r-rikorrenti wahdu ma jistax jipproponi t-talba f'ismu ghall-import kollu ta' cheques msarffa b'firma wahda imma fl-ahjar ipotesi ghal terz l-ammont mitlub.

2. **Eccezzjoni, Preskrizzjoni**. Subordinatament t-talba ghar-rigward tac-cheques numru 937, li ssaraf fl-1999 u cheque numru 946 li ssarraf fil-5 ta' Dicembru 2003 hija perenta bit-trapass ta' hames snin artikolu 2156[f] tal-Kap 16;

*Fatti dwar din l-eċċezzjoni*:

Il-Bank intimat dejjem baghat statements fl-indirizz indikat mill-account holders bit-transazzjonijiet kollha u qatt ma sar ilment dwar dawn ic-cheques la verbalment, la bil-miktub u l-anqas ufficjalment.

3. **Mertu**. Fil-mertu dwar ic-cheques 948, 950 u 951, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghaliex l-istess rikorrenti kien irratifika t-transazzjonijiet kollha mertu tal-kawza meta acceda l-ufficji tal-Bank intimat u ddikjara li ma kellux aktar interess fil-pretensjonijiet illum dedotti f'dan l-atti.

*Fatti dwar din l-eċċezzjoni*:

Illi r-rikorrenti Charles Grech f’nofs is-sena 2005, acceda l-fergha tal-bank li kellha l-kont fuq riferit sabiex **verbalment** jilmenta mill-fatt li c-cheques numru 948 [datat 20.08.04], 950 [datat 24.01.05] u 951 [datat 16.03.05] ammontanti kummplessivament ghas-somma ta’ sitt elef seba mija u seba u hamsin Ewro [€6757.00 ] kienu gew imsarrfa mill-Bank irregolarment lil u favur Sergio Manche ghaliex l-firma tieghu waheda ma tghatx dan il-poter lill-Bank intimat.
Illi bank wara li ghamel il-verifiki tieghu u rrizulta li kien tassew dak li kien qed jghid ir-rikorrenti Charles Grech u ghalhekk immedjatament, kont personali ta’ Sergio Manche li kellu mal-Bank fil-fergha tal-Belt Strada Merkanti, gie “blocked” bis-somma li allegatament ittiehdet minnu permezz tac-cheques fuq citati u dana sabiex din is-somma tigi kkreditata lura fil-kont numru 039-036546-001.
Sergio Manche oggezzjoni ghal dan l-iffrizar pero il-Bank iffacjat bir-rapport tar-rikorrenti Charles Grech zamm ferm.
F’Lulju 2005 ir-rikorrenti Charles Grech iltaqa mal-Customer Service Manager tal-Bank Anton Psaila fil-presenza ta’ Service & Sales Manager Stephen Aquilina sabiex jilmenta li l-Bank ma kellux jiffriza l-kontijiet ta’ Sergio Manche u fic-cirkostanzi huwa kien qieghed jirtira l-ilment tieghu, “*jaccetta s-sitwazzjoni u jhalliha ghaddejja*.”
Illi ghalhekk il-kont ta’ Sergio Manche gie lliberat mill-iffrizar tas-somma li Charles Grech allega li gew mehuda abbuzivament.
Illi appena Sergio Manche gibed flusu mill-kontijiet li kellu mal-HSBC Bank Malta plc, Charles Grech rega qajjem l-ilment tieghu.
4. **Mertu**. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni dwar cheque numru 946 ghas-somma ta’ elfejn lira maltija [Lm2,000] datat tnejn u ghoxrin ta’ Novembru 2003 [22.11.03] u msarraf fil-5 ta’ Dicembru 2003 it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex :-
i] il-Bank ma jistax jinzamm responsabbli ghall-frodi ta’ terzi sakemm ma jintwerix li b’xi mod kien ko-responsabbli ghal tali agir.

ii] ir-rikorrenti jaf li l-valur tac-cheque gie kkreditat lis-socju tieghu Sergio Manche u semmai missu mexxa gudizzjarjament kemm fil-kamp civili u kemm fil-kamp penali kontra l-istess Sergio Manche u mhux kontra l-Bank rikorrenti li onora cheque b'zewg firem [allegatament wahda falza] u l-istess rikorrenti ma lmentax dwaru meta acceda l-bank fis-sena 2005.

**Risposta guramentata ta' Sergio Manche**.

1. Illi l-prezenti procediment ma jista' jkollu l-ebda effett, avvers jew le, fil-konfront ta' l-imsejjah fil-gudizzju stante li t-talbiet attrici huma partikolari, specifici u diretti kontra l-bank. Dan johrog espressament min-nota ta' osservazzjonijiet tal-bank imharrek datata 1 ta' Marzu 2010 [vide para. 2.2 taghha].

2. Illi, in konnessjoni ma' l-ewwel eccezzjoni, stante illi t-talba attrici tirrigwarda *obbligazione di fare* u mhux obbligazione di dare, t-talbiet rivolti lill-imharrek originali ma jistghu qatt jigu ezegwiti, *in toto* jew *in parte*, mill-imsejjah hawn esponenti u ghalhekk, *nemo ad impossibilia tenetur*;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, fil-konfront tal-bank imharrek, l-imsejjah sempliciment ighid illi *imputet sibi* stante illi *quod quis ex culpa sua damnum sentit, non intelligitur damnum sentire u anke illi qui non prohibit quod prohibere potest assentire videtur*;

4. Illi l-esponenti msejjah jirrezisti bil-qawwa kollha kull forma ta' allegazzjoni ili hu agixxa in mala fede f'xi aspett ta' din il-vicenda;

5. Illi b'aggunta ghall-ahhar eccezzjoni u minghajr pregudizzju ghall-ohrajn ta' qabel, l-imsejjah jinvoka favurih l-Artikolu 532 tal-Kodici Civili u jabbinah ma' l-Artikolu 1234 ta' l-istess Kodici u jirrileva illi kwalsiasi allegazzjoni kontrih trid tigi konkretament provata a bazi ta' l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in konnessjoni ma' l-Artikolu 559 ta' l-istess Kodici u a bazi wkoll ta' l-Artikolu 532 tal-Kodici Civili;

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-kawza titratta dwar flus li nhargu minn *current account*[1] mal-HSBC Bank Malta f'isem l-attur, huh u Sergio Manche. Ic-cekkijiet huma:-

i. 21 ta' Novembru 1999 numru 937 ghal Lm169.82
ii. 22 ta' Novembru 2003 numru 946 ghal Lm2,000
iii. 20 ta' Awwissu 2004 numru 948 ghal Lm1,600
iv. 24 ta' Gunju 2005 numru 950 ghal Lm1,100
v. 16 ta' Marzu 2005 numru 951 ghal Lm200

Skond l-istruzzjonijiet li kienu nghataw lill-bank, tnejn mill-account holders kellhom ikunu firmatarji[2]. F'dan il-kaz ic-cekkijiet issarrfu minkejja li kellhom firma wahda, dik ta' Manche, hlief ghac-cekk numru 946 li ghalkemm kellu zewg firem l-attur jallega li wahda minnhom m'hijiex tal-firmatarji.

L-attur qieghed jitlob li l-bank jigi kkundannat sabiex jerga' jiddepozita l-flus fil-kont in kwistjoni.

Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjonijiet li nghataw fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur:-

**Gudizzju m'huwiex integru u l-attur m'ghandux interess guridiku** – Dwar din l-eccezzjoni diga' inghatat decizjoni parzjali fid-29 ta' April 2010.

**Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili fir-rigward ta' cekkijiet numru 937 u 946** li jipprovdi:

*"l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."*.

[1] Numru 00391808554.
[2] Ara dokument a fol. 20 *"Signing Instructions both to sign"*.

Eccezzjoni li nghatat b'riferenza ghal cekkijiet tal-21 ta' Novembru 1999 u 22 ta' Novembru 2003.

Fil-fehma tal-qorti dan il-provvediment ma japplikax ghal dan il-kaz in kwantu l-attur m'huwiex jitlob li jinghata xi hlas izda sempliciment li l-kont bankarju jitqieghed fl-istat li kien qabel ingibdu l-flus, cjoe' li fil-kolonna bilanc tidher is-somma oggett ta' dawn il-proceduri[3]. Certament mhux ser jitqieghdu l-flus f'xi kaxxa bl-isem tal-account holders.

F'kull kaz ma jirrizultax li l-attur kien talab il-flus u li kienu ghaddew hames snin minn meta saret it-talba. Fil-kont tal-attur u shabu kienu gew depozitati l-flus, u dawn inghataw lil wiehed mid-depozitanti minghajr ma kien hemm l-istruzzjonjiet ta' depozitant iehor. Il-fatt li kienu jintbaghatu rendikonti ma jistax ikollu impatt negattiv fuq *account holder*. Jekk hemm xi zmien ta' preskrizzjoni dan ghandu jibda jiddekorri kontra l-account holder minn meta jitlob li jinghata l-flus u jigi nfurmat li m'hemmx dak il-bilanc. Diment li ma ssirx it-talba mill-account holder, id-debitu ma jkunx ghadu ezigibbli[4].

**Meritu**.

Fil-fehma tal-qorti l-kwistjoni principali f'dan il-kaz b'riferenza ghac-cekkijiet numru 948, 950 u 951 hi dwar jekk l-attur kienx irratifika dak li ghamel il-bank. Mit-twegiba guramentata prezentata mill-bank hu altru milli evidenti li jirrikonoxxi li sar hazin meta ssarrfu dawn ic-cekkijiet b'firma wahda, tant li kien ghal din ir-raguni li *"....immedjatament, il-kont ta' Sergio Manche li kellu mal-Bank fil-fergha tal-Belt Strada Merkanti, gie blocked bis-somma li allegatament ittiehdet minnu permezz tac-*

---

[3] L-attur isostni wkoll li dan il-provvediment ma jista' qatt japplika ghal dan dil-kaz ghaliex il-bank kien irrikonoxxa li kienu ssarrfu cekkijiet b'firma wahda u fl-2005 ittiehdet id-decizjoni li jinzamm dak l-ammont f'kont bankarju li Sergio Manche kellu wahdu mal-HSBC Bank Malta plc. Ghalhekk isostni li dan il-fatt fih innifsu hu konferma li l-bank irrikonoxxa li ssarrfu cekkijiet li ma kellhomx jissarrfu, u l-bank ha passi biex iqieghed fiz-zgur il-posizzjoni tieghu fis-sens li ma johrogx flus mill-but. Madankollu dan l-argument ma jregix ghaliex l-ilment inizjali tal-attur ma kienx jirreferi ghac-cekkijiet numru 937 u 946. Tant hu hekk li fl-ittra ufficjali li l-attur ipprezenta fis-17 ta' April 2007 (fol. 92) ma jissemmewx.

[4] Issir riferenza ghall-Artikolu 1894 tal-Kodici Civili.

*cheques fuq citati u dana sabiex isir claim ghal rimobrs ta' din is-somma biex tigi kkreditata fil-kont numru 039-036546-001."*[5]. Ma jezisti l-ebda dokument li jaghti prova tar-ratifika li qieghed jallega l-bank. Fil-kors tas-smiegh tal-provi xehedu Anton Psaila u Stephen Aquilina, li meta sar l-ilment (2005) kienu jahdmu fl-ufficcju tal-Gzira. Psaila spjega li wara li kien investiga l-kaz u dak li kien qieghed jallega l-attur irrizulta li kien minnu, kienu mblukkaw somma ekwivalenti fil-kont personali li kellu Psaila Manche mal-bank. Fil-fatt kien irrizulta li c-cekkijiet li dwarhom sar l-ilment kienu ssarrfu mill-imsejjah fil-kawza, li min-naha tieghu qal: *"Il-bank kien iffrizali parti mill-kont tieghi fejn kelli ammont ta' flus depozitati. Jiena kont ghidt lil Grech li ma nistghux nibqghu ghaddejjien b'din il-kwistjoni u kont nghidlu: 'Mur irranga mal-manager biex il-kont tieghi jigi unblocked.'. Jiena nifhem li Grech kien ghamel dak illi kont tlabtu biex jaghmel tant illi l-bank kien rrilaxxali flusi."*[6].

Min-naha tieghu l-attur xehed[7]:-

*"Imbghad mort il-fergha tal-HSBC fil-Gzira u kellimt lil Manager Anton Psaila li wara li ghamel il-verifiki tieghu ammetta mieghi li kienu harbulhom xi cekkijiet b'firma wahda u fil-fatt skuza ruhu. Lil Anton Psaila ghidtlu li qatt ma stennejt dawn l-affarijiet mill-HSBC, u nsistejt li jrid jara x'ser jaghmel biex jerggha jitfa l-flus lura fil-kont. Huwa rrispondieni li kellu jkellem lill-Management tal-Bank u jigi lura ghandi."*.

L-ufficjali tal-bank qalu li kienet saret laqgha ma' Grech fl-ufficcju tal-bank, u dan kien qalilhom li mhux ser ikompli jsegwi l-ilment. F'dan ir-rigward Anton Psaila xehed li waqt il-laqgha f'hin minnhom Grech qal *"All right leave it"*, u *"Jiena fhimt li nirrilaxxa l-flus u speci I didn't need to pursue it any further."*[8]. Stephen Aquilina, dak iz-zmien manager tal-ufficcju tal-Gzira, spjega: *"Fil-laqgha il-*

---

[5] Twegiba guramentata prezentata fl-10 ta' Novembru 2009 a fol. 13- 16.
[6] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 (fol. 225).
[7] Affidavit.
[8] Seduta tad-19 ta' Mejju 2011.

*meeting kien kordjali hafna u Mr Grech qalilna li jaccetta s-sitwazzjoni u l-kwistjoni giet konkluza."*[9].

Min-naha l-ohra fil-kontro-ezami li sar lill-attur, qal[10]:-

*"Imhallef: Qabel xejn halli niccaraw dan il-punt din id-diskussjoni li kellek ma' dawk iz-zewg sinjuri li ghadhom kemm xehedu issa fejn qed jghidu li fl-ahhar mill-ahhar ghidtilhom 'Isma insa kollox', skond int kif grat ? X'ghidtilhom ?*

*Xhud: Ma niftakariex jien.*

*Imhallef: Il-laqgha tiftakarha ghandi nifhem.*

*Xhud: Le ma ltqajtx maghhom.*

*Imhallef: Qas li ltqajt ma tiftakar ?*

*Xhud: Ma niftakarx. Dan is-sinjur li gie hawn Mr. Aquilina qatt ma rajtu jien.*

*Imhallef: Aquilina u Mr Psaila ukoll.*

*Xhud: Anton Psaila nafu ghax hdimt hafna mieghu.*

*Imhallef: Imma kellek laqgha mieghu fuq din il-kwistjoni ?*

*Xhud: Tkellimna iva. Jista jkun iltqajt mieghu imma.....*

*Imhallef: U li ghidtlu "Hallieha ghaddejja" ?*

*Xhud: Le m'ghidtlux hallieha ghaddejja."*.

L-attur ma jiftakarx li saret il-laqgha li xehedu dwarha Anton Psaila u Stephen Aquilina. Ghalhekk ir-raguni tghidlek li lanqas ma jiftakar x'intqal waqt il-laqgha. Il-qorti tqies li l-verzjoni li taw Psaila u Aquilina hi verosimili. Ma tarax li l-bank kien ser jiskopri lilu nnifsu u jillibera l-kont

---

[9] Seduta tad-19 ta' Mejju 2011 (fol. 110).
[10] Seduta tad-19 ta' Mejju 2011 (fol. 119).

personali ta’ Psaila Manche[11] li kieku Grech ma kienx ikkonfermalhom li qieghed jirtira l-ilment tieghu fir-rigward tac-cekkijiet numru 948, 950 u 951[12]. Ma rrizultax li kien hemm xi raguni ohra ghalfejn il-bank ha d-decizjoni biex jillibera l-kont ta’ Manche. Hu veru li l-attur kien irrifjuta li jiffirma dokument li kien ipprezentalu Psaila, pero’ hu stess iddikjara li kien hadem hafna ma’ Psaila. Il-qorti tapprezza u tifhem li bejn bankier u klijent titrabba fiducja u kemm-il darba wiehed joqghod fuq il-kelma minghajr il-htiega li jigi ffirmat dokument. Ghalhekk ma tara xejn stramb fil-fatt li Psaila ma insistix ma’ Grech li jiffirmalu d-dikjarazzjoni li kien qieghed jirtira l-ilment.

Ghal dak li jikkoncerna l-firem fuq cekk numru 946 datat 22 ta’ Novembru 2003, Joseph u Charles Grech xehedu li l-firem m’humiex taghhom. Fid-dokument a fol. 20 hemm *specimen signatures* tal-attur, Joseph Grech, u l-imsejjah fil-kawza li sar fiz-zmien li applikaw ghall-ftuh tal-kont[13]. Meta taghmel paragun bejn *specimen signature* u wahda mill-firem fuq ic-cekk numru 946, ma tridx tkun xi espert tal-kalligrafija biex taghraf li wahda mill-firem m’hijiex bhal dawk li jidhru fid-dokument a fol. 20. Ir-regola generali hi li firma falsifikata fuq cekk m’ghandha l-ebda effett legali. L-i*specimen signature* li tintalab minghand persuna meta tigi biex tiftah kont, jippermetti lill-bank sabiex jivverifika il-firem fuq ic-cekkijiet. Wiehed jista’ jargumenta li mhu xejn facli ghall-banek li jaghmlu tali verifiki meta tqies il-kwantita ta’ cekkijiet li ta kuljum jigu pprezentati biex jissarrfu. Ghall-qorti din m’hijiex skuza valida. Hu fl-interess ta’ kull bank li jizgura li jsiru tali verifiki iktar u iktar meta tqies li l-principju generali hu li l-bank ghandu jerga’ jpoggi l-flus fil-kont bankarju tal-klijent meta l-bank isarraf cekk b’firma falsifikata. Madankollu ma jfissirx li ma jistax ikun hemm eccezzjonijiet. Fejn il-bank ghandu d-dubju dwar il-firma li tkun tidher fuq ic-cekk ghandu, jekk hemm bzonn, jaghmel verifiki mal-klijent. Permezz tar-raba’

[11] M’huwiex il-kompitu tal-qorti li tiddikjara jekk il-bank ghamilx sew meta ha dan il-pass.

[12] Fit-twegiba guramentata l-bank ikkonferma li l-ftehim ma’ Grech kien limitat fuq dawn it-tlett cekkijiet. Fil-fatt ma nghatat l-ebda eccezzjoni simili fir-rigward tac-cekkijiet numru 946 tat-22 ta’ Novembru 2003 u 937 tal-21 ta’ Novembru 1999.

[13] Fol. 19. Kont infetah fl-1986.

eccezzjoni l-bank qal li ma setax jinzamm responsabbli ghall-frodi li ghamel haddiehor diment li ma jintwerix li hu komplici, u l-attur kellu jmexxi kontra Manche'. Il-qorti ma taqbilx. Mad-daqqa ta' ghajn hu altru milli evidenti li fuq ic-cekk 946 tat-22 ta' Novembru 2003 hemm firma li ma tixbah xejn il-firem tal-account holders. Il-bank m'huwiex jikkontesta li wahda mill-firem hi falza. Il-bank wera nuqqas meta sarraf cekk b'firma li m'hijiex bhal *specimen signature*s. L-attur ma kellu l-ebda obbligu li jaghmel proceduri gudizzjarji kontra Manche. Il-kont qieghed mal-HSBC Bank Malta u l-attur, bhala account holder, ghandu relazzjoni guridika mal-bank li min-naha tieghu ghandu d-dmir li fil-kont oggett tal-kawza jerga jpoggi l-valur tac-cekk li ssarraf meta ma kellux jissarraf.

L-istess japplika fir-rigward tac-cekk numru 937 tal-21 ta' Novembru 1999 ghas-somma ta' Lm169.82, li ffirmah biss Sergio Manche. Ghalkemm Manche xehed: *"Jiena nsostni li Grech kien jaf li jiena qieghed niffirma cekk wahdi u nsarrfu c-cekk. Anzi kien hu stess li ssuggerili li naghmel hekk biex ma jkollux inkwiet ma' huh. Grech kien jghidli li minhabba t-tilwima li kellu ma' huh Joseph biex nipprova nghaddihom dawn ic-cekkijiet."*[14]. Verzjoni kontestata mill-attur tant li xehed li kien tkellem ma' Manche dwar l-ilment tieghu li nhargu u ssarrfu cekkijiet b'firma wahda[15]. Jirrizulta wkoll li fl-ahhar tas-snin disghajn (1998/1999) inqalghu problemi bejn l-ahwa Grech. Pero fl-atti hemm cekkijiet li nhargu wara, u xorta huma ffirmati mill-attur u Sergio Manche. Hekk per ezempju cekk 945 datat 7 ta' Gunju 2003[16], 947 datat 18 ta' Frar 2004[17], cekk 949 datat 12 ta' Ottubru 2004[18], li huma ffirmati minn Charles Grech u Sergio Manche. Ghalkemm hu minnu li dawn huma cekkijiet li nhargu favur l-attur, pero juru li Grech xorta kien baqa' jiffirma cekkijiet irrispettivament tad-dizgwid li kien inqala' ma' huh. Inoltre, r-riferenza ghal cekk li ssarraf mill-attur u li kellu l-firma ta' Manche biss[19],

[14] Fol. 224.
[15] Ara affidavit ta' Charles Grech a fol. 91.
[16] Fol. 42.
[17] Fol. 43.
[18] Fol. 45.
[19] Numru 940 datat 28 ta' Marzu 2001 ghal Lm2,000 (fol. 219).

m'hijiex rilevanti u ma tistax tigi paragunata ma' dan il-kaz gialadarba c-cekk inhareg favur l-attur stess. Fil-fehma tal-qorti dan ic-cekk m'huwiex prova sodisfacenti li kien hemm ftehim bejn l-attur u Manche li ccekkijiet jigu ffirmati biss minn Manche, tant li hemm cekkijiet ohra ffirmati f'dik l-epoka u wara li huma ffirmati minn Charles Grech u Sergio Manche. Ghalkemm waqt il-gbir tal-provi nghad ukoll li f'kull kaz Charles Grech kellu jkun jaf b'dak li kien qieghed jigri ghaliex kien qieghed jircievi rendikonti mibghuta mill-bank, il-qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li mill-15 ta' Mejju 1999 dawn kienu qeghdin jintbghatu fl-indirizz 61, South Street, Valletta li jirrizulta li kien il-fond minn fejn Manche kien jiggestixxi n-negozju tieghu[20].

Fid-decizjoni parzjali li nghatat fid-29 ta' April 2010 il-qorti osservat li, *"....l-bank ghandu interess illi jiddahhal fil-kaz dak li l-bank qieghed ighid illi iqarraq bih sabiex is-sentenza eventwalment tkun torbot lil dan ukoll fil-kaz illi l-bank konvenut jidhirlu li ghandu jdur kontrih ghal rivalsa.* ***Dan huwa mehtieg mhux ghall-integrita tal-gudizzju, izda biss fl-interess tal-bank, li ghalhekk ghandu jhallas l-ispejjez relattivi."***. Qeghda ssir riferenza ghal din il-parti tas-sentenza preliminari minhabba l-eccezzjonijiet li nghataw minn Manche. Ghalkemm hu minnu li t-talbiet tal-attur huma ndirizzati fil-konfront tal-bank, is-sentenza ghandha wkoll torbot lil Manche fil-konfront tal-bank. Il-qorti m'ghandix dubju li Manche, bhala l-persuna li sarraf ic-cekkijiet numru 937 u 946, ghandu obbligu li jhallas lura l-flus li rcieva minghand il-bank. Ghalkemm Manche xehed li l-flus li kien qieghed jiehu mill-kont kienu flusu min-negozju Tabletop, din m'hijiex materja li ghandha tigi nvestigata u deciza f'din il-kawza. F'dan il-kaz li jinteressana hu jekk il-bank kisirx l-obbligu tieghu meta sarraf cekkijiet b'firma ta' wiehed mit-tlett *account holders*, meta kellu jkun hemm zewg firem. Min-naha tieghu Manche ha flus mill-kont billi ghamel uzu minn cekkijiet li ma kienux validi in kwantu c-cekk numru 937 iffirmah hu biss u c-cekk 946 hu ffirmat minnu biss ghaliex il-qorti hi moralment konvinta li l-firma l-ohra hi falza.

[20] Ara l-iskrittura datata 19 ta' Mejju 1986 a fol. 233.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad it-tieni eccezzjoni ta' HSBC Bank Malta plc, bl-ispejjez.**
**2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni ta' HSBC Bank Malta plc u ghalhekk tichad it-talbiet tal-attur fir-rigward tac-cekkijiet numru 948, 950 u 951.**
**3. Tichad ir-raba' eccezzjoni tal-HSBC Bank Malta plc u tilqa' t-talbiet tal-attur fir-rigward tac-cekkijiet numru 937 tal-21 ta' Novembru 1999 u 946 tat-22 ta' Novembru 2003. Ghaldaqstant tordna lill-istess bank sabiex fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum jiddepozita s-somma ta' hamest elef u erbgha u hamsin ewro u tnejn u tletin centezmu (€5,054.32) fil-kont numru 039-036546-001[21], bl-imghax li ddekorra mid-data li ssarrfu l-imsemmija cekkijiet sal-gurnata li jsir id-depozitu[22].**
**4. Tiddikjara li Sergio Manche, bhala l-persuna li hadet il-flus, ghandu obbligu li jrodd dawn il-flus lil HSBC Bank Malta plc.**

**Spejjez jinqasmu bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjez ta' Manche jibqghu a karigu tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[21] Originarjament in-numru kien 391808554.
[22] Ir-rata ta' imghax ghandu tkun dik li kienet tapplika matul iz-zmien, jekk kien hemm imghax, fir-rigward tal-kont oggett ta' dawn il-proceduri.